# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 9**
**Rikors numru 801/08 AE**

**Joseph Cassar u martu Antoinette Cassar**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru; Is-Segretarju Amministrattiv sive is-Segretarju Principali (Principal Permanent Secretary) fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru; l-Agent Direttur tal-Ufficcju tal-Management and Personnel u d-Direttur tal-Ufficcju ghal Employee Relations fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru, jew min minnhom u l-Avukat Generali ghan-nom u fl-interess tal-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-atturi fid-19 ta' Awwissu 2008, fejn gie premess hekk:

> "1. Illi fis-6 ta' Ottubru 1997, l-esponent intavola rikors quddiem l-Onorabbli Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji li permezz tieghu allega ingustizzja kommessa fil-konfront tieghu mill-allura Malta International Airport, meta l-amministrazzjoni taghha tat numru ta' hatriet u ta' promozzjonijiet, permezz ta' *direct appointments*, inkluz lil

persuni fl-istess grad tal-esponent imma inqas kwalifikati mill-esponent ghal tali hatriet u promozzjonijiet, minghajr ma ghamlet ebda *interviews* u minghajr ma lanqas biss ikkunsidrat lill-esponent ghal tali hatriet jew promozzjonijiet; u dan ghal ragunijiet ta' natura politika, inkwantu l-esponent kien delegat tal-Malta Labour Party u kien ukoll ufficjal tal-General Workers' Union;

“2. Illi fil-mori tal-kawza, il-Gvern ta' Malta beda l-process ta' privatizzazzjoni tal-Malta International Airport billi biegh parti mill-pakkett azzjonarju tieghu u b'hekk naqqas il-percentwali ta' ishma tieghu, biex eventwalment ma baqax fil-kontroll effettiv taghha; l-esponent jinsab informat illi fi zmien il-privatizzazzjoni, il-partijiet ikkoncernati fil-process ta' privatizzazzjoni kienu kollha debitament informati bil-proceduri kollha li s-socjeta` Malta International Airport p.l.c kellha quddiem it-Tribunal ghall- Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u fil-fatt ma tqajjmet ebda eccezzjoni da parti tas-socjeta` Malta International Airport p.l.c f'dawk il-proceduri dwar xi nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal sabiex jiddeciedi kaz dwar kumpanija privatizzata, u lanqas ma tqajmet xi eccezzjoni fis-sens illi s-socjeta` hemmhekk intimata ma kienitx il-legittima kontradittrici fil-proceduri li kienu ghaddejjin;

“3. Illi nhar it-13 ta' Mejju 2004, l-Onorabbli Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ta sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar v. Malta International Airport u b'digriet tal-20 ta' Mejju 1999 gie korrett ghal Malta International Airport p.l.c** (Rikors Numru 592/97), kopja annessa bhala Dok.JC1, li permezz taghha gie dikjarat illi “Ma nghatax raguni valida ghala r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni ghal *Safety and Security Executive* meta kien proprju f'dik il-linja u hawnhekk it-Tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrent u jichad l-eccezzjonijiet tal-kumpanija intimata, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat dwar il-promozzjoni ta' Safety and Security Executive, jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Safety and Security Executive b'effett mill-1991 meta nghataw il-kariga tal-Executives l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dakinhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra”; “Spejjez kontra l-kumpanija intimata”;

“4. Illi permezz ta' ittra datata 18 ta' Gunju 2004, kopja annessa bhala Dok.JC2, l-esponent talab lis-socjeta` Malta International Airport p.l.c sabiex tottempera ruhha mas-sentenza citata; permezz ta' ittra datata l-1 ta' Lulju 2004 (Dok.JC3) is-socjeta` Malta International Airport p.l.c irrispondiet li bhala entita` li m'ghadhiex kontrollata mill-Gvern mhijiex legalment obbligata li ssegwi rrakkomandazzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u ddirigiet lill-esponent sabiex jindirizza talba ghall-kumpens fil-konfront tal-Gvern ta' Malta;

“5. Illi fid-29 ta' Lulju 2004, id-Direttur Generali tal-*Management and Personnel Office* fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru kiteb lic-*Chairman*

tas-socjeta` Malta International Airport p.l.c (Dok.JC4) fejn talab il-veduti u l-kummenti tieghu dwar l-azzjoni rimedjali rakkomandata mit-Tribunal; il-konsulenti legali tas-socjeta` wiegbu permezz ta' ittra datata 5 ta' Awwissu 2004 (Dok.JC5) fejn cahdu kull responsabbilta` ghat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji;

"6. Illi wara korrispondenza ulterjuri (Dok.JC6), l-esponent flimkien ma' Frederick Attard (li wkoll intavola u rebah kaz simili quddiem it-Tribunal, u li wkoll ircieva risposta li s-socjeta` Malta International Airport p.l.c ma kienitx qed tqis ruhha marbuta bid-decizjoni tat-Tribunal) intavola protest gudizzjarju kontra (i) l-Onorevoli Prim Ministru, (ii) id-Direttur Generali fil-*Management and Personnel Office* fl-ufficcju tal-Prim Ministru u (iii) is-socjeta` Malta International Airport p.l.c, li permezz tieghu interpellahom formalment sabiex minnufih jinghata r-rimedju li haqqu skont is-sentenza citata, u fl-istess hin interpella lill-protestati sabiex jghaddu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni li huwa sofra u li kien ghadu qed isofri kawza tal-agir u inadempjenza persistenti tal-protestati (Dok.JC7); ghal dan il-protest is-socjeta` Malta International Airport p.l.c ma wegbitx;

"7. Illi fl-20 ta' Ottubru 2004, permezz ta' ittra mahruga mill-*Management & Personnel Office* tal-Ufficcju tal-Prim Ministru, il-Gvern informa ufficjalment lis-socjeta` Malta International Airport p.l.c li l-Prim Ministru kien approva l-implimentazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji *ai termini* tal-Artikolu 7(11) tal-Kap. 394, kopja annessa bhala Dok.JC8; fl-istess ittra, saret referenza ghal zewg ittri li nhargu in konnessjoni mal-kaz simili ta' Frederick Attard, kopji annessi bhala Dok.JC9 u Dok.JC10; f'dawn l-ittri, saret referenza wkoll ghall-Artikolu 2 tal-istess ligi, fejn fid-definizzjoni ta' *statutory body* huma nkluzi dawk il-kumpaniji li ma baqghux ikkontrollati mill-Gvern;

"8. Illi permezz ta' ittra datata 27 ta' Ottubru 2004, kopja annessa bhala Dok.JC11, is-socjeta` Malta International Airport p.l.c iddikjarat li qed tqis il-posizzjoni tal-Prim Ministru bhala *ultra vires* u leziva tad-drittijiet kostituzzjonali taghha; l-Ufficcju tal-Avukat Generali wiegeb permezz ta' ittra tad-19 ta' Novembru 2004 (kopja Dok.JC12) fejn irribadixxa l-posizzjoni tal-Gvern, mentri s-socjeta` Malta International Airport p.l.c regghet irribadiet il-posizzjoni taghha permezz ta' ittra responsiva datata 2 ta' Dicembru, 2004 (kopja Dok.JC13);

"9. Illi fit-8 ta' Gunju 2005, il-konsulenti legali tal-esponenti kitbu lis-socjeta` Malta International Airport p.l.c sabiex jitolbu l-hlas tal-obbligi inkwistjoni, billi kien irrizulta li s-socjeta` Malta International Airport p.l.c kienet accettat li thallas il-kumpens likwidat fil-kazijiet l-ohra li kienu ghadhom pendenti ghal-implimentazzjoni taghhom (Dok.JC14); ghal din l-ittra, is-socjeta` Malta International Airport p.l.c ma wegbitx, u ghaldaqstant l-esponent intavola protest gudizzjarju fil-31 ta' Awwissu 2006 fejn rega' rrefera, din id-darba specifikament, ghal kaz

ta' John Briffa "impjegat numru 1900" u ghal kaz ta' George Falzon, Rikors Numru 1118/97 TII (kopja annessa Dok.JC15); ghal dan il-protest is-socjeta` Malta International Airport p.l.c wiegbet permezz ta' kontroprotest datat 4 ta' Ottubru 2006 (Dok.JC16), fejn regghet irrifjutat li timplimenta s-sentenza tat-Tribunal, u fejn sostniet illi "l-allegazzjoni, tal-kontro-protestat Joseph Cassar, li MIA ghazlet li timplimenta xi rakkomandazzjonijiet moghtija mit-Tribunal hija ghal kollox invertjiera u nfondata, u anka (sic) li keku (sic) kien hemm kazijiet fejn MIA hadet xi mizuri simili, li mhux il-kaz, dan ma jfissirx li tali mizuri ttiehdu bhala implimentazzjoni tal-konkluzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal";

"10. Illi fil-frattemp, u cioe` fid-29 ta' Gunju 2006, l-esponent hareg bil-pensjoni tal-invalidita` minhabba problemi kardjaci, mentri fl-20 ta' Marzu 2008 ghalaq il-61 sena u hareg bil-pensjoni kontributorja;

"11. Illi ghar-ragunijiet esposti, l-esponent hass illi kellu jintavola l-prezenti rikors guramentat, minghajr pregudizzju ghal kull dritt lilu kompetenti fil-konfront tas-socjeta`
Malta International Airport p.l.c, u dan kontestwalment ma' rikors guramentat iehor kontra l-istess Malta International Airport p.l.c, sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun f'posizzjoni li tiddetermina l-kaz b'mod definittiv;

"Jghidu ghaldaqstant l-intimati ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

"i. Preliminarjament tordna li s-smigh ta' dan ir-rikors guramentat isir kontestwalment mas-smigh tar-rikors guramentat intavolat mill-istess rikorrenti kontra s-socjeta` Malta International Airport p.l.c, fl-ismijiet **Joseph Cassar (I.D 0303247M) u martu Antoinette Cassar (I.D 0243543M) ghal kull interess li jista' jkollha v. Malta International Airport p.l.c (C-12663)**, liema rikors guramentat gie ntavolat kontestwalment u fl-istess data bhar-rikors guramentat prezenti; u dan ai termini tal-Artikolu 793 tal-Kap. 12 Ligijiet ta' Malta;

"ii. Tiddikjara li, ladarba l-Gvern ta' Malta ddecieda, kif jirrizulta mill-anness Dok.JC8, li jilqa' u jaccetta r-rakkomandazzjoni maghmula mill-Onorabbli Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji permezz tas-sentenza moghtija nhar it-13 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **Joseph Cassar v. Malta International Airport u b'digriet tal-20 ta' Mejju 1999 gie korrett ghal Malta International Airport p.l.c** (Rikors Numru 592/97), kopja annessa bhala Dok.JC1, l-intimati jew min minnhom assumew u gew legalment investiti bir-responsabbilta` li jimplimentaw l-istess sentenza *ai termini* tas-subartikolu (11) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 394 Ligijiet ta' Malta;

"iii. Tiddikjara li s-socjeta` Malta International Airport p.l.c naqqset milli ssegwi d-direttiva moghtija lilha permezz ta' Dok.JC8 li ghaldaqstant l-

intimati jew min minnhom baqghu responsabbli ghall-istess implimentazzjoni;

"iv. Tordna li, fin-nuqqas tas-socjeta` Malta International Airport p.l.c li timplimenta jew li tigi ordnata gudizzjarjament li timplimenta s-sentenza citata, l-intimati jew min minnhom huma responsabbli sabiex jassiguraw illi r-rikorrent "jinghata l-kariga ta' Safety and Security Executive b'effett mill-1991 meta nghataw il-kariga l-Executives l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dakinhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra": u li fin-nuqqas tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghal tali nuqqas;

"v. Tillikwida d-differenza msemmija fis-sentenza citata li sofra r-rikorrent fil-paga u f'kull hlas jew rimunerazzjoni ohra li kien jew huwa intitolat ghaliha rrikorrent *ai termini* tal-imsemmija sentenza b'referenza ghall-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 1992 u jispicca fit-28 ta' Gunju 2006, kif ukoll taghti kull ordni ohra li tista' tirrizulta necessarja u opportuna waqt is-smigh tal-kawza sabiex ir-rikorrent jigi reintegrat integralment fid-drittijiet tieghu relattivament ghall-perjodu msemmi;

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, bl-ingunzjoni tal-intimati u/jew tar-rapprezentanti gudizzjarji taghhom minn issa in subizzjoni, u bid-dikjarazzjoni espressa tar-rikorrenti li qeghdin jirrizervaw kull azzjoni legali ulterjuri u jzommu impregudikati d-drittijiet kollha taghhom in relazzjoni mat-telf ta' pensjoni soffert mid-29 ta' Gunju 2006 'il quddiem".

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti pprezentata fil-5 ta' Settembru, 2008, li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi preliminarjament, is-Segretarju Amministrattiv sive s-Segretarju Permanenti Principali (Principal Permanent Secretary) fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru u l-Agent Direttur tal-Ufficcju tal-*Management and Personnel* u d-Direttur tal-Ufficcju ghal *Employee Relations*, fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru mhumiex il-legittimi kontradittruri stante li l-Kap. 394 isemmi biss lill-Prim Ministru; kif ukoll, lanqas l-Avukat Generali mhu l-legittimu kontradittur *ai termini* tal-Artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, filwaqt li l-intimati ma joggezzjonawx ghall-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex dan ir-rikors guramentat jinstema' kontestwalment mas-smigh tar-rikors guramentat fl-ismijiet **Joseph Cassar et v. Malta International Airport p.l.c**, izda jissottomettu li huma m'ghandhom ibatu l-ebda spejjez zejda meta kienu r-rikorrenti li ghazlu li jipprezentaw zewg rikorsi guramentati separatament meta l-mertu huwa identiku.

“3. Illi fil-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:

“(i) Fl-ewwel lok, kif gie wkoll ritenut fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell d-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji mhumiex esegwibbli *per se* u mill-istess Tribunal, izda huma semplici rakkomandazzjonijiet li ghandhom jigu implimentati mill-Prim Ministru **(Prim Ministru v. Victor Vella Muskat App deciza fil-25 ta’ Settembru 2006).**

“(ii) Illi fil-kaz inkwistjoni *non si tratta* li l-Gvern ta’ Malta laqa’ u accetta r-rakkomandazzjoni maghmula mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fis-sentenza tat-13 ta’ Mejju 2004. L-Att 394 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi fis-sub-artikolu 11 tal-Artikolu 7 li huwa d-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabilixxi l-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta’ dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Il-Prim Ministru approva l-implimentazzjoni tat-Tribunal kif rikjest mil-ligi u ta direttivi lil Malta International Airport p.l.c sabiex tiehu azzjoni. Dan bl-ebda mod ma jista’ jwassal ghal dak li qed jippretendu r-rikorrenti li b’tali ordni l-intimati issa assumew u gew legalment vestiti bir-responsabbilta` li jimplimentaw l-istess rakkomandazzjoni direttament.

“(iii) Illi in vista` tas-suespost jirrizulta li l-intimati hadu l-provvedimenti kollha necessarji li huma imposti fuqhom mil-ligi biex ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal tigi implimentata u dan anki kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti mar-rikors guramentat.

“(iv) Illi l-intimati certament mhumiex f’posizzjoni li jimplimentaw r-rakkomandazzjoni stante li l-Malta International Airport p.l.c mhiex entita` li ghadha kontrollata mill-Gvern; u, inoltre` l-intimati ma jistghux jitqiesu bhala li huma legalment responsabbli ghal xi allegat nuqqas tas-socjeta` Malta International Airport p.l.c u dan, partikolarment meta huma lanqas biss kienu parti fil-proceduri quddiem l-istess Tribunal. Sentenza taghmel stat biss fil-konfront tal-partijiet. Kif diga` inghad, l-intimati hadu l-passi rikjesti mil-ligi abbazi tal-Kap. 394 u allura adempew l-obbligi taghhom.

“(v) Illi l-intimati ghar-ragunijiet fuq esposti ma jirrispondu ghal ebda allegat telf finanzjarju li seta’ sofra r-rikorrenti.

“(vi) Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jirrizulta n-necessita` fil-mori tal-kawza.

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti”.

B'sentenza tat-13 ta' Ottubru, 2004, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ddikjara li ma nghatatx raguni valida ghalfejn l-attur ma nghatax il-promozzjoni ghal *Safety and Security Executive* u:

> "hawnhekk it-Tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrent u jichad l-eccezzjonijiet tal-kumpannija intimata, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat dwar il-promozzjoni ta' Safety and Security Executive, jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Safety and Security Executive b'effett mill-1991 meta nghataw il-kariga l-Executives l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dakinhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra".

B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Dicembru 2010, fl-ismijiet premessi, kienu determinati l-ewwel erba' talbiet attrici fejn gie deciz illi:

1. Bl-eccezzjoni tal-Prim Ministru, helset lill-konvenuti l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Iddikjarat li l-Prim Ministru kellu d-dmir li jimplimenta r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal;

3. Iddikjarat li l-Prim Ministru ma wettaqx dak id-dmir illi jimplimenta r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal;

4. Ordnat lill-Prim Ministru sabiex jistabbilixxi dawk il-proceduri u jaghti dawk id-direttivi li huma mehtiega sabiex iwettaq ir-

rakkomandazzjoni sabiex ghall-inqas l-attur jithallas daqs li kieku nghata l-hatra ta' safety and security officer b'effett mill-1991.

Dik is-sentenza giet konfermata minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 2011, filwaqt li rrinvjat l-atti sabiex l-ewwel Qorti tkompli tisma' l-kaz, kif iddeterminat minnha stess fis-sentenza taghha tal-10 ta' Dicembru, 2010.

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tat-30 ta' April, 2013, li permezz tieghu giet awtorizzata s-segwenti zieda fit-talbiet attrici:

> "vi. Tillikwida d-differenza li sofra r-rikorrent bejn il-pensjoni inkluza s-somma jew kommutazzjoni parzjali tal-istess pensjoni li effettivament ircieva u l-pensjoni inkluza s-somma jew kommutazzjoni parzjali tal-istess pensjoni, li kien intitolat ghaliha bl-implimentazzjoni immedjata u retrospettiva tas-sentenza msemmija, b'riferenza ghall-perjodu 29 ta' Gunju 2006 sal-gurnata tas-sentenza finali, kif ukoll taghti kull ordni sabiex il-pensjoni li r-rikorrent jircievi minn dakinhar tas-sentenza finali 'l quddiem tithallas bhallikieku giet implimentata immedjatament u retrospettivament kif ordnat fl-istess sentenza; u sabiex tordna l-hlas tal-ammonti likwidati fl-ahhar zewg talbiet kif ukoll taghti kull ordni ohra li tista' tirrizulta necessarja u opportuna waqt is-smigh tal-kawza sabiex ir-rikorrent jigi reintegrat integralment fid-drittijiet tieghu relattivament ghall-perjodi msemmija".

Rat li l-konvenut Prim Ministru kien debitament notifikat bir-rikors promotur kif korrett.

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Ottubru, 2016, li in forza taghha, ddecidiet il-hames u s-sitt talbiet fil-kawza billi: (1) ghal finijiet tal-hames talba, illikwidat s-somma ta' sitta u erbghin elf seba'

mija u tnejn u tletin euro (€46,732); (2) ghal finijiet tas-sitt talba, illikwidat is-somma ta' ghoxrin elf erba' mija u tmienja u ghoxrin euro u sitta u sebghin centezmu (€20,428.76), bhala differenza fil-*gratuity* bejn dak li rcieva l-attur u dak li suppost ircieva li kieku fl-1992 inghata l-promotion; (3) Ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sebgha u sittin elf mija u sittin euro u sitta u sebghin centezmu (€67,160.76), bl-imghax mid-data tas-sentenza. Spejjez a karigu tal-konvenut, b'dan li l-ispejjez relatati mal-hames u sitt talbiet jinqasmu in kwantu ghal 75% a karigu tal-konvenut u 25% a karigu tal-atturi**.**

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-attur beda jahdem mal-Airmalta plc meta kienet tal-Gvern. Ghal finijiet tal-ezercizzju li jrid isir mill-qorti, il-kariga rilevanti hi dik ta' Safety and Security Executive. Hekk biss il-qorti tkun konformi ma' dak li gie diga' deciz. Ghalhekk il-qorti taqbel mal-konvenut li l-paragun irid isir mal-persuna li nghatat il-kariga ta' Safety and Security Executive u mhux ma' xi kariga ohra. Mill-provi rrizulta li Vincent Farrugia kellu din il-kariga. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014, Vincent Farrugia xehed u kkonferma li hu kien intghazel ghal din il-kariga. Fatt li jidher li l-attur stess jaccetta[1]. F'Lulju 1998 Farrugia nghata l-kariga ta' manager. Austin Calleja xehed: "*Nikkonferma li kull min kien Executive kien fil-fatt lahaq manager. Dan fl-istess zmien cjoe' Lulju 1998." (fol. 561).*
>
> "Il-perjodu rilevanti hu 1992 sat-30 ta' Gunju, 2006. Ghalkemm is-sentenzi jsemmu mis-sena 1991, jirrizulta li kien mis-sena 1992 li nghatat din il-kariga. Fil-fatt jirrizulta wkoll li b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 l-attur kellu l-kariga ta' Safety & Security Officer.

---

[1] Fin-nota ta' sottomissjonijiet qal: "L-esponenti, meta kellhom l-opportunita' li jezaminaw fuq il-pedana lill-**persuna li hadet il-grad li kien imiss lill-attur, Vincent Farrugia**, staqsew kemm kien dan il-pakkett, imma x-xhud tali domanda rrifjuta li jwegibha u ma gietx permessa mill-Qorti (ara xhieda ta' Vincent Farrugia)….." (fol. 657).

"Mid-dokumenti ezibiti mix-xhud Austin Calleja jirrizulta li matul dan il-perjodu l-attur kellu gross emoluments ta' **Lm106,812 (€248,806)** u net **Lm88,484 (€206,113)** [fol. 570][2]. Mid-dokumenti mehmuza jidher li f'din ic-cifra hemm inkluz sahra (ara per ezempju dokumenti a fol. 571-578[3], 579 u 581). Fil-fehma tal-qorti l-kalkolu jrid isir fuq id-dhul totali li kellu l-attur. Irrizulta li fil-kariga ta' Safety & Security Executive ma kienx isir sahra. Hu veru li parti mill-hlas li rcieva l-attur kien ghal iktar sighat ta' xoghol li ghamel fil-post tax-xoghol, madankollu ma kienx ikollu dak il-qligh addizzjonali li kieku fil-bidu tal-1922 (recte 1992) inghata l-kariga ta' Safety & Security Executive. Fl-ahhar mill-ahhar l-ezercizzju li jrid isiru hu li kemm jista' jkun l-attur jitpogga fl-istess posizzjoni li kien ikun li kieku nghata l-imsemmija kariga, u dan billi jithallas kumpens ghat-telf fil-qliegh minhabba li ma nghatax il-kariga. It-telf fil-qligh hi d-differenza bejn il-qligh li kien ikollu kieku kellu l-kariga ta' Safety & Security Executive u l-qligh li kellu fil-kariga li baqa' fiha.

"Irrizulta wkoll li matul l-imsemmi perjodu Vincent Farrugia kellu s-segwenti gross u net emoluments:

| "**Sena** | **Gross Emoluments (Lm)** | **Net Emoluments (Lm).** |
|---|---|---|
| 1992 | 4950 | 4072 |
| 1993 | 5473 | 4433 |
| 1994 | 5825 | 4619 |
| 1995 | 6334 | 5028 |
| 1996 | 6895 | 5486 |
| 1997 | 7656 | 6176 |
| 1998 | 7836 | 5971 |
| 1999 | 8356 | 6480 |
| 2000 | 9711 | 7095 |
| 2001 | 10830 | 7822 |
| 2002 | 11055 | 7818 |
| 2003 | 11493 | 8202 |
| 2004 | 11528 | 8220 |
| 2005 | 12457 | 8815 |
| 2006 | 7030 | 5001 |
| **Total** | **127,429** | **95,238** |
| **Total (€)** | **296,830** | **221,845** |

**"Differenza fin-net emoluments bejn l-attur u Vincent Farrugia: €221,845 - €206,113 = €15,732.**

"L-attur jippretendi wkoll kumpens ghal:

(a) Telephone and clothing allowance;
(b) Performance and efficiency bonus;

[2] Ara wkoll FS3 a fol. 571-583.
[3] Konkluzjoni li l-qorti waslet ghaliha a bazi tal-basic wage fil-gimgha dikjarata fl-imsemmija dokumenti li meta multiplikata b'52 gimgha hi nqas mic-cifra dikjarata bhala gross emoluments.

(c) Petrol allowance;
(d) Car allowance;

li jsostni li kienu jinghataw lil min inghata l-kariga floku. Il-qorti ser tikkunsidra dawn l-items wara xulxin.

"**(a) Telephone and clothing allowance.**

"Austin Calleja spjega li: "*All managers had an annual allowance of Lm500 and Executives Lm250. They could spend the money on telephones and on clothing against receipts. The Lm500 and the Lm250 could be spent entirely on telephones or on clothing or a mix of the two. The important thing was that the annual amount was not exceeded.*" (fol. 339). Fil-kariga li baqa' fiha l-attur, kien jinghata uniformi. Pero' t-telefon ma kienx jithallas. Il-qorti qeghda arbitrio boni viri tillikwida s-somma ta' **sebat elef ewro (€7,000)**.

"**(b) Peformance and efficiency bonus.**

"Skond Austin Calleja, "*From 1992 to 2005, Executives had an annual Performance Bonus from 0% to 10% of their gross salary depending on the performance of the individual. The Performance Bonus from 2006 onwards changed to 0% to 15%.*" (fol. 339). M'hemmx prova li dan il-bonus ma kienx taxxabbli. Austin Calleja xehed, *"… l-performance u efficiency allowance li kienu jircievu Schiavone u Farrugia huma nkluzi fis-salarji li jidher fl-FS3*." (fol. 561). Il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn ma temminx din il-verzjoni, gialadarba dan hu parti mill-hlas li kien jircievi l-attur u ghalhekk kellu jkun taxxabbli[4]. Ghalhekk dan il-bonus diga' ttiehed in konsiderazzjoni fl-ewwel parti tas-sentenza.

"**(c) Petrol allowance.**

"F'nota prezentata fit-30 ta' Jannar 2015 (fol. 625) il-konvenut iddikjara:

> "*Illi l-esponent jirrileva li ghalkemm fir-rapporti Dok. OPM1 u 2 gew inkluzi l-allowances marbuta mal-karozza u l-fuel, il-pozizzjoni tal-Prim Ministru hija li dawn m'ghandhomx jitqiesu bhala parti mis-salarju, b'dana li jekk dawn ma jittiehdux in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tat-telf ta' salarju soffert minn Joseph Cassar, dan iwassal ghal konkluzjoni li matematikament Joseph Cassar ma tilef l-ebda flus bhala rizultat tal-fatt li ma giex promos ghall-kariga ta' Safety and Security Executive, kemm jekk il-paragun isir ma' Vincent Farrugia kif ukoll jekk dan isir ma' Joseph Schiavone."*

"Ghalkemm li din l-allowance m'hijiex salarju, jibqa' l-fatt li l-attur ma gawdix minn din l-allowance kif gawda min inghata l-kariga. Dan

[4] Vincent Farrugia qal li l-performance bonus dejjem kien dikjarat fl-FS3 (fol. 597).

fisser li l-petrol kien ihallas ghalih minn butu. Spejjez li ma kienx jaghmel kieku nghata l-kariga ta' Safety and Security Executive.

"Austin Calleja pprezenta x'konsum ta' petrol kellhom David Cassar, Joe Schiavone u Vincent Farrugia ghas-snin 1997-2006. Gialadarba kien Vincent Farrugia li nghata l-kariga ta' Safety and Security Executive, allura l-qorti ser tiffissa somma a bazi tat-taghrif relatat ma' din il-persuna. Ovvjament din ic-cifra ser tigi ffissata a bazi ta' arbitrio boni viri gialdarba m'hemmx taghrif dwar is-snin 1992-1996 u mhux maghruf kemm kien jikkonsma l-attur kieku kellu l-uzu ta' vettura tal-principal. L-attur ighix Marsascala filwaqt li Vincent Farrugia jghix Birzebbugia. L-attur jippretendi li l-petrol allowance hi ta' iktar minn €4,000 fis-sena, b'medja ta' €80 kull sena. M'hemm l-ebda prova li dawk f'karigi manigerjali kienu jikkunsmaw dak il-volum kollu ta' petrol. Dwar din l-item ic-cifri li hemm f'dokument BS1A[5] huma inflated u 'l boghod hafna mir-realta', ukoll meta tqies it-tip ta' vettura li nghata Vincent Farrugia matul is-snin[6].

"Min-naha l-ohra, fil-fehma ta' qorti l-kalkoli li ghamel il-konvenut[7] (Dok. OPM1 a fol. 626) meta paragunati mat-taghrif li hemm fid-dokument a fol. 342 u wkoll it-tip ta' vettura li kienet tinghata lill-impjegat, iktar jirriflettu r-realta. F'dan ir-rigward il-qorti tiffissa s-somma **€10,000**.

"**(d) Car allowance.**

"Skond Austin Calleja, ma kienx hemm *car allowance*. Dawk li kellhom kariga manigerjali, kif allura kellu Vincent Farrugia, kellhom l-uzu ta' vettura li setat tintuza ghall-uzu privat. Din tista' titqies bhala *fringe benefit* li l-attur ma kienx gawda minnha. Il-vetturi li kellhom kienu jvarjaw matul is-snin. Peress li l-attur ma nghatax il-*promotion*, kellu jaghmel uzu mill-vettura privata tieghu biex imur ghax-xoghol u wkoll ghall-uzu personali. Il-fatt li ma nghatax il-kariga jfisser li tilef dan il-beneficcju u ghalhekk ghandu dritt li jippretendi li jigi monetizzat. B'effett mis-sena 2001 dan sar jitqies bhala *fringe benefit* u ghalhekk sar taxxabbli.

"Dwar din l-item l-attur jippretendi ghal xi snin is-somma ta' €2,401, ghal ohrajn €3,082 u ghal ohrajn €12,579 (Dok. BS1A, fol. 601), ghal total ta' €92,837. Dan hu kaz fejn l-attur qieghed litteralment ifajjar ic-cifri. L-affarijiet ma jsirux hekk. Per ezempju f'dawk is-snin meta l-attur jippretendi hlas ta' €12,579 ghal kull sena, ifisser li ghal kull sena jippretendi li jithallas iktar minn kemm kienet tiswa vettura gdida. L-

---

[5] Kalkoli maghmula minn Brian Spiteri fuq inkarigu tal-attur, minn fejn jirrizulta li l-attur jsostni li l-medja ta' konsum ta' petrol ghas-snin 1992 sa 2006 hi €4027 ghal kull sena.

[6] Austin Calleja qal: "However, I can tell you that the Executives in 1992 had a Fiat Uno which cost Lm2,154 (Euro 5,018). In 1996 (after 5 years) the car was changed to a Fiat Punto costing Lm4,410 (Euro 10,272). In 1998, some Executives were promoted to Managers. Others were promoted to Managers in 1999. From 1999 onwards, the Executives post did not carry the benefit of a car." (fol. 341).

[7] €682.88 kull sena

attur ma pprovda l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn il-qorti ghandha taqbel mal-likwidazzjoni ta' Brian Spiteri li hi ferm 'l boghod mir-realta'. Fir-realta' t-telf li sofra l-attur mill-fatt li ma nghatax vettura tax-xoghol, kien li kellu jibqa' juza l-karozza privata tieghu. Dan ovvjament wassal ghal iktar *wear and tear* u spejjez ta' manutenzjoni. Kieku kellu vettura privata seta' wkoll biegh il-vettura privata tieghu u ma jixtrix ohra sakemm tibqa' tali koncessjoni, kif ukoll ma jkollux spejjez ta' licenzja u assikurazzjoni. L-attur ma tax prova ta x'kellu bhala vettura privata matul il-perjodu in kwistjoni. Il-konvenut jippretendi li s-somma li ghandha tigi likwidata hi ta' €10,617.13 (Dok. OPM1, fol. 626), kalkolata a bazi tal-*fringe benefit guidelines* tat-taxxa. Il-vetturi li kienu nghataw kienu Fiat Uno, Fiat Punto u Seat Cordoba. F'dan ir-rigward il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' **€14,000** ghall-perjodu mis-sena 1992 sal-2006.

"Il-konvenut jippretendi li l-*ex gratia* payment ta' €38,229.14 li thallset lill-attur bhala terminal benefit, ghandha titnaqqas mill-ammont li jista' jkun dovut lill-attur b'riferenza ghal dak li nghad hawn fuq. Dwar dan Austin Calleja xehed: "*Ghal dak li jikkoncerna min kien jokkupa l-kariga ta' manager min kien jigi boarded out manager ma kienx intitolat li jircievi dak li d-difensur tal-konvenut qed jirreferi ghalih bhala terminal benefit. Cassar kien intitolat ta' €38,230 minhabba 'il fatt li hu ma kienx jokkupa grad ta' executive manager jew head."* Il-qorti ma taqbilx mal-konvenut li jekk isir mod iehor, l-attur ikun qieghed jaghmel investiment u profitt zejjed mill-hsara li gratlu. L-attur sofra ngustizzja u baqa' fl-istess kariga sakemm f'Gunju 2006 gie boarded out. Hu veru li kieku fl-1992 inghata l-kariga ta' Safety and Security Executive ma kienx ikun intitolat ghal dan il-hlas. Madankollu ladarba thalla fl-istess kariga sakemm gie *boarded out*, hu rcieva dak li kien jispetta lilu u xejn iktar. B'daqshekk ma ghamel l-ebda profitt zejjed. Is-sentenza ta' din il-qorti tal-10 ta' Dicembru 2010 ordnat lill-konvenut sabiex iwettaq ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal "… *sabiex ghallinqas l-attur jithallas daqs li kieku nghata l-hatra ta' Safety and Security Executive b'sehh mill-1991, b'anzjanita minn dak iz-zmien.*" Meta rcieva t-terminal benefit, l-attur ircieva dak li kien intitolat ghalih u l-konvenut m'ghandux jedd li jipprova jahrab jew itaffi l-effetti ta' sentenza li hi gudikat.

"Ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-pensjoni, din hi regolata b'ligi (Pensions Ordinance, Kap. 93). Il-qorti ma taqbilx mal-konvenut li m'huwiex il-legittimu kontradittur. F'dawn il-proceduri gie mharrek in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta bhala l-persuna li hi nkarigata mill-materja in kwistjoni, li kienet li jimplimenta d-decizjoni tat-Tribunal. Ghal finijiet ta' kalkoli ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-grad ta' *Safety and Security Executive*, cjoe' l-istess grad li kellu Vincent Farrugia. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi ghamlu riferenza ghal Dok. CFS1 (fol. 518) li hu l-kalkolu tal-pensjoni bazata fuq id-dhul li kellu Joseph Schiavone, u qalu: "[….] *hawnhekk jidher illi hemm qbil totali da parti tal-atturi mal-figuri prodotti mill-konvenut permezz tan-nota tal-31 ta' Ottubru 2013, Dok. CFS; bazikament jirrizulta li bhala*

> *pensjoni kontributorja (dik mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali) l-attur diga' qed jippercepixxi l-pensjoni massima, u l-promozzjoni ghalhekk ma kinitx taghmel differenza."* (fol. 661). Peress li Vincent Farrugia kellu salarju li jaqbez is-somma ta' €26,943 (Artikolu 8C tal-Kap. 93), allura japplika l-istess ragunament. Ovvjament trid tithallas id-differenza fil-*gratuity*, cjoe' €56,131.25 (kalkolata fuq salarju ta' €26,943) - €35,702.49 (hlas li rcieva l-attur bhala *gratuity)* = **€20,428.76** skond il-kalkoli li jissemmew f'Dok. CFS1 (fol. 518) li pprezenta l-konvenut stess. Anomalja li sehhet minhabba li l-konvenut naqas milli jwettaq l-ordni tat-Tribunal. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut ma ta l-ebda raguni ghalfejn dan il-hlas mhux dovut.
>
> "Ghalkemm l-attur jippretendi li jithallas ukoll is-somma ta' €4,902.40 bhala "*differenza fil-pensjoni mill-2006 sa llum (€13,471- €8,568.60)*" (ara nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, fol. 661), mit-taghrif li hemm fid-dokument CFS1 ma jirrizultax li dan hu l-kaz peress li l-massimu rata tal-pensjoni kien diga' qieghed jirceviha".

Rat ir-rikors tal-atturi tal-11 ta' Ottubru, 2016, li sar quddiem l-ewwel Qorti li permezz tieghu ntalab li ssir korrezzjoni fis-sentenza moghtija a tenur tal-Artikolu 825(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) jew li a tenur tal-Artikolu 235 tal-istess Kap.12, u tiddikjara li ma gietx deciza t-talba koncernanti d-differenza sofferta fil-pensjoni tat-tezor, jew alternattivament taghti kjarifika ai termini tal-Artikolu 825(2) tal-Kap. 12.

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu, wara li rat ir-rikors tal-atturi u r-risposta tal-konvenut, cahdet it-talba maghmula, peress li dak li kellha tiddeciedi fuq il-pensjoni gie deciz fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru, 2016, u ghalhekk wriet il-fehma li dak l-ilment tal-atturi jista' jigi kkontestat biss f'appell u mhux b'applikazzjoni tal-Artikoli 235 jew 825 tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi konjugi Cassar, li ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbu lil din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2016, fl-ismijiet premessi u dan billi (i) tikkonferma s-sentenza in kwantu laqghet il-hames talba attrici fis-somma ta' €46,732; (ii) tikkonfermaha safejn in konnessjoni mas-sitt talba llikwidat is-somma ta' €20,428.76, bhala differenza fil-*gratuity* bejn dak li rcieva l-attur u dak li suppost ircieva li kieku fl-1992 inghata l-promotion; (iii) tvarja s-sentenza appellata billi in konnessjoni mas-sitt talba, billi tillikwida inoltrè d-differenza sofferta fil-pensjoni fl-ammont ta' €408.61 fix-xahar mid-29 ta' Gunju, 2006, 'il quddiem; u (iv) tikkonferma s-sentenza appellata fejn ai termini tas-sitt talba, ordnat lill-Prim Ministru konvenut jhallas kwantu likwidat, bil-varjazzjoni tal-ammont sabiex jinkludi d-differenza sofferta fil-pensjoni. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut apellat.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut Prim Ministru, fejn ghar-ragunijiet minnu esposti, filwaqt li talab lil din il-Qorti tichad l-appell ewlieni mressaq mill-appellanti konjugi Cassar, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 240 tal-Kap. 12, ressaq appell incidentali, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell incidentali mressaq minnu u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ghall-finijiet tas-sitt talba llikwidat kumpens ta' €20,428.76, bhala differenza fil-gratifikazzjoni bejn dak li rcieva l-attur u dak li suppost ircieva li kieku fl-1992 inghata l-

promozzjoni; tirrevokaha u thassarha (a) fejn ghall-finijiet tal-hames talba likwidat is-somma ta' €46,732 u minflok tichad din il-hames talba jew alternattivament tnaqqas il-kumpens ghal €257.30 jew €3684.33 kif imfisser fl-appell incidentali u (b) fejn ikkundannat lill-Onorevoli Prim Ministru jhallas is-somma totali ta' €67,160.76 u minflok tordna li l-konvenut ghandu jhallas biss is-somma ta' €20,428.76, jew din is-somma flimkien ma' €257.30 jew €3684.33, skont liema applikabbli, kif imfisser fl-appell incidentali.  Bl-ispejjez kontra l-konjugi Cassar.

Rat ir-risposta tal-konjugi Cassar ghall-appell incidentali tal-Onorevoli Prim Ministru.

Rat in-Nota Kongunta tal-partijiet kollha ai termini tal-Artikolu 207 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li permezz taghha ddikjaraw illi qeghdin jistriehu fuq l-atti u li m'ghandhomx sottomissjoni verbali jew bil-miktub ulterjuri x'jaghmlu u ghalhekk talbu lil din il-Qorti tappunta l-kawza fl-ismijiet premessi u li tithalla ghas-sentenza ai termini tal-imsemmi artikolu.

Konsegwenza tal-imsemmija nota, il-kawza giet apputata ghas-smigh u thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi ghandu jinghad mal-ewwel illi din il-Qorti taqbel mad-digriet tal-ewwel Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2016, meta nghad minnha illi l-ilmenti tar-rikorrenti wara li nghatat is-sentenza appellata kellhom ikunu l-mertu t'appell u mhux kaz li jigu applikati l-Artikoli 235 jew 825 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qieghed jinghad peress li minn ezami tas-sentenza appellata, dik il-Qorti kienet iddecidiet il-mertu tal-pretensjoni attrici ghall-hlas tas-somma ta' €4,902.40 fis-sena bhala "*differenza fil-pensjoni mill-2006 sa llum (€13,471- €8,568.60)*", izda l-ewwel Qorti ddecidiet illi "*mit-taghrif li hemm fid-dokument CFS1 ma jirrizultax li dan hu l-kaz peress li l-massimu rata tal-pensjoni kien diga' qieghed jirceviha*".

Ghalhekk isegwi li l-ilmenti tal-atturi setghu jigu indirizzati biss permezz tal-appell odjern.

<u>L-appell principali tal-atturi</u> jissejjes fuq l-aggravju illi l-attur huwa intitolat ghal zewg pensjonijiet, dik kontributorja li mhix suggett ta' kontestazzjoni u dik tat-tezor. Huwa jsostni li qieghed jitlef mal-€408.61

fix-xahar (u dan sa mid-29 ta' Gunju, 2006 'il quddiem) u dan kif spjegat mill-istess persuna li tamministra l-pensjonijiet tat-tezor, Joseph Galea, Assistent Direttur Pensjonijiet tat-Tezor.

L-appellant jispjega illi peress li kien ilu impjegat mal-Gvern sa miz-zmien is-servizzi Inglizi, huwa intitolat kemm ghall-pensjoni kontributorja (tal-bolol), kif ukoll ghall-pensjoni tat-tezor (maghrufa wkoll bhala pensjoni tas-servizz). Huwa jirreferi ghad-dokumenti pprezentati mill-konvenut, kif ukoll ghall-posizzjoni mehuda mill-konvenut dwar il-pensjoni, kemm tul il-proceduri, kif ukoll ghan-nota tieghu b'referenza ghall-istess dokumenti.

Filwaqt li l-attur appellant jishaq li mhux qieghed jikkontesta l-pensjoni kontributtiva ta' €90.47 fil-gimgha, huwa qieghed jikkontendi li minflok il-pensjoni mensili tat-tezor fl-ammont ta' €714.05 fix-xahar, huwa kien intitolat ghall-pensjoni ta' €1,122.66 fix-xahar u dan hekk kif mahduma fuq salarju bil-*capping* ta' *salary scale 3*, li fis-sena 2006 kienet ta' €26,943, b'mod li l-pensjoni tigi limitata ghal €1,122.66 fix-xahar. Ghalhekk jishaq illi sabiex tigi onorata d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, huwa kellu jircievi l-pensjoni tat-tezor ta' €1,122.66 fix-xahar, u mhux dik ta' €714.05 (differenza ta' €408.61 fix-xahar) u dan sa minn Gunju, 2006, oltrè li jibqa' jircievi l-pensjoni kontributtiva ta' €90.47 fil-gimgha.

L-appellat fir-risposta tieghu ghall-appell principali, filwaqt li jishaq li l-ezercizzju tat-telf li kellu jsir, kien dak marbut mal-kariga ta' *Safety & Security Executive*, u dan b'paragun ma' Vince Farrugia u mhux ma' Joseph Schiavone, isostni li d-dokumenti mahruga mill-Gvern huma konsistenti ma' xulxin. Inoltrè jtenni li l-Gvern dejjem stqarr l-intenzjoni tieghu li l-pensjoni tas-servizz tigi aggustata skont il-grad u s-salarju li l-attur tilef minhabba t-telf tal-promozzjoni, wara l-ghoti tas-sentenza.

Jekk wiehed jara dak deciz mill-ewwel Qorti, mal-ewwel jinduna li effettivament l-ezercizzju mwettaq minnha kien dak bazat fuq il-kariga ta' *Safety & Security Executive*, kariga li nghatat lil Vincent Farrugia. Madankollu ghall-finijiet tal-kalkolu tal-pensjoni tas-servizz, u kif jissottometti l-istess konvenut appellat, ma kenitx taghmel differenza, jekk wiehed jiehux il-paga ta' Vince Farrugia jew ta' Joseph Schiavone, ladarba l-paga tat-tnejn kienet tissupera l-*capping* ta' €26,943.86, li allura kellha tittiehed bhala l-figura applikabbli ghall-finijiet tal-ezercizzju tal-pensjoni tas-servizz.

Din il-Qorti wara li rat kemm id-dokumenti li ghalihom jirreferi l-attur appellant, kif ukoll wara li rat l-Artikolu 8C tal-Kap. 93 tal-Ligijiet ta' Malta (Ordinanza dwar il-Pensjonijiet), issib li tabilhaqq l-ilment tal-atturi ghandu mis-sewwa. Kontrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti, fejn inghad "*mit-taghrif li hemm fid-dokument CFS1 ma jirrizultax li dan hu l-*

*kaz peress li l-massimu rata tal-pensjoni kien diga' qieghed jirceviha*", jirrizulta li effettivament l-attur ma kienx qieghed jircievi l-massimu rata tal-pensjoni li kien ikun intitolat ghaliha, kieku irtira fil-grad ta' *Safety and Security Executive*, kif deciz mit-Tribunal.

Dan qieghed jinghad senjatament b'referenza ghal dak li jirrizulta mill-korrispondenza mahruga mill-Assistent Direttur inkarigat mill-Pensjonijiet tat-Tezor fl-4 ta' Ottubru, 2013, meta jinghad minnu illi:

> "***li kieku Joseph Cassar kien gie mahtur ekwivalenti ta' fuq Skala 3 mal-MIA, s-salarju terminali tieghu fl-2006 kien ikun dak ta' €26,943.86 (Lm11,567).***
> - ***Kieku il-pensjoni inhadmitlu fuq is-salarju ekwivalenti ta' Skala 3 il-pensjoni kienet tkun ta' €1,122.66 flok €714.05 (€408.61 fix-xahar) mill-30 ta' Gunju, 2006 … 408.61 fix-xahar jigu 4,903.32 fis-sena….***".

L-istess ufficjal ikkalkola l-pensjoni li kellu jippercepixxi l-attur bejn it-30 ta' Gunju, 2006 u l-ahhar tas-sena 2013 (iz-zmien meta kien qieghed jahdem l-istess kalkoli).

Kif gustament jirrileva l-attur appellant, ladarba kien determinat mill-Qorti illi huwa kellu jiehu salarju ekwivalenti ghal dak ta' *Safety and Security Executive,* il-pensjoni kellha tigi kkalkolata fuq is-salarju komparabbli li kien ikollu l-attur fil-mument li spicca l-impieg tieghu, u li f'dan il-kaz kellu jigi adoperat il-*capping* indikat ta' €26,943.86. Dan iwassal ghall-konkluzjoni, li l-attur kien intitolat ghall-pensjoni ta' €13,471.92 fis-sena (ekwivalenti ghal €1,122.66 fix-xahar), mentri huwa

kien qieghed ilu jiehu pensjoni ta' €8568.60 fis-sena (ekwivalenti ghal €714.05 fix-xahar). Dan ifisser li l-Gvern ghandu jaghmel tajjeb ghad-differenza fil-pensjoni bejn Gunju 2006 sal-lum, li ssarraf f'€408.61 fix-xahar, li kkalkolata sal-ahhar ta' April 2017, iggib total ta' €53,119.30 (€408.61 x 130 xahar). Din is-somma hija dovuta bhala arretrati fil-pensjoni dovuta lill-attur.

Isegwi li din il-Qorti ser tilqa' l-ilment tal-atturi appellanti kif imressaq permezz tal-appell principali u tiddeciedi li l-atturi haqqhom jiehdu wkoll id-differenza fl-arretrati ta' hlas tal-pensjoni tas-servizz, minn meta irtira l-attur f'Gunju 2006 sal-ahhar ta' April, 2017, li jammontaw ghal €53,119.30.

In kwantu hadd mill-partijiet m'huwa qieghed jikkontesta l-kalkoli tal-ewwel Qorti ghall-fini tad-differenza fis-somma li l-attur kellu jiehu f'daqqa bhala telf fil-gratifikazzjoni li tilef ghax ma hax il-kariga ta' *Safety and Security Executive*, fl-ammont ta' €20,428.76, dan l-ammont ghandu jibqa' jghodd. Isegwi li meta dan l-ahhar ammont jizdied mal-ammont ta' €53,119.30, likwidat permezz ta' din is-sentenza, iwassal ghall-konkluzjoni li t-total li kellu jigi likwidat favur l-atturi taht is-sitt talba taghhom, jammonta ghal €73,548.06.

Trattat l-appell principali, imiss li jigi trattat l-appell incidentali mressaq mill-konvenut li huwa msejjes fuq erba' aggravji, li lkoll jiccentraw fuq l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti fil-kuntest tal-hames talba attrici, fis-somma ta' €46,732, li fil-fehma tal-konvenut ghandu jitnehha jew jigi mnaqqas b'mod sostanzjali. Jigi nnotat mal-ewwel li hadd mill-partijiet ma jikkontesta l-kalkoli tal-ewwel Qorti konsistenti fid-differenza bejn in-*net emoluments* tal-attur u dawk ta' Vincent Farrugia, fl-ammont ta' €15,732, u ghalhekk dawk il-kalkoli ghandhom jibqghu applikabbli.

<u>L-ewwel aggravju suggett tal-appell incidentali</u> huwa dak dwar it-*telephone allowance*. Il-konvenut jargumenta illi l-ewwel Qorti ffissat kumpens *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €7000, u dan wara li qieset (i) ix-xhieda ta' Austin Calleja li l-*executives* kellhom *allowance* annwali ta' Lm250 ghall-uzu tat-telefon u hwejjeg; (ii) li Joseph Cassar kellu uniformi b'xejn; u (iii) li ghat-telefon però huwa ma kienx thallas.

Il-konvenut fl-appell incidentali tieghu, qieghed jikkontesta l-likwidazzjoni fis-somma ta' €7000, a bazi tal-principji gurisprudenzjali, li min jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' dak il-fatt u fin-nuqqas li titressaq tali prova, ma jintitolax lil dik il-parti li tippretendi li l-Qorti tirrikorri ghall-komputazzjoni *arbitrio boni viri* sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas taghha (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Stephanie Spiteri pro et noe v. Kevin Spiteri**). Il-

gudikant ghandu jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz akkwiziti fil-process u ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal-kriterji tal-apprezzament adottat li juri kif wasal ghal-likwisdazzjoni tal-*quantum* (ara f'dan is-sens sentenzi ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet **Nicole Mairangas v. HSBC Bank plc**, citata b'approvazjoni minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-27 ta' Marzu, 2015, fl-ismijiet **Salvatore Coppola v. Gerolama Busuttil**).

Jghid ukoll li l-ewwel Qorti naqset milli tqis il-kontro-ezami ta' Austin Calleja meta nghad minnu li wara bidliet fil-ligi fiskali fl-2001, dawn l-allowances bdew jigu dikjarati fl-FS3s, ghalhekk jitressaq l-argument li ladarba dawn l-*allowances* kienu mis-sena 2001 inkluzi fl-FS3s, dawn kienu digà ttiehdu kont fid-differenza fin-*net emoluments* ta' €15,732 likwidati mill-ewwel Qorti. Ghalhekk huma l-*allowances* li dahhlu l-*executives* bejn l-1992 u l-2000 biss li jridu jitqiesu ghall-fini ta' dan l-ezercizzju.

Filwaqt li din il-Qorti thaddan il-principji gurisprudenzjali esposti mill-konvenut, ghalkemm huwa minnu li l-hlasijiet ta' din l-*allowance* kienu jsiru kontra l-prezentata tal-ircevuti, u li l-attur ma pprezenta ebda ricevuti f'dan ir-rigward, jibqa' l-fatt li l-attur ipprova d-dannu effettiv rrekat lilu meta baqa' imcahhad minn din l-*allowance,* konsegwenza tal-fatt li ma nghatax il-promozzjoni ghal *Safety and Security Executive.* Il-

fatt li l-attur ma nghatax dik il-kariga jirrizulta li telfu dan il-beneficcju, li jimmerita li jigi komputat ghall-fini tal-hames talba tieghu. Il-prova li haddiehor li nghata din il-kariga ha dan il-beneficcju saret u ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li l-attur ma jinghata xejn.

Huwa ghalhekk opportun li f'dan il-kaz issir likwidazzjoni *arbitrio boni viri*. Minn naha l-ohra, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa minnu li l-attur Joseph Cassar kellu uniformi b'xejn u ghalhekk dan l-aspett ta' din l-*allowance* sa fejn ghandhom x'jaqsmu l-hwejjeg, m'ghandux jigi inkluz f'dan l-ezercizzju, izda mhux l-istess jista' jinghad dwar it-telefon.

Ghalkemm huwa pacifiku illi l-prova tad-danni tispetta lil min jallega li soffriha (Artikolu 562 tal-Kap. 12), izda din il-Qorti tosserva illi huwa accettat, f'certu cirkostanzi, illi d-danni jigu determinati *arbitrio bono viri.* Huwa stabbilit illi l-likwidazzjoni ta' danni *arbitrio boni viri* hija mistennija u f'waqtha meta jkun difficli li ssir il-prova, b'mezzi ordinarji, tad-danni effettivament sofferti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Ottubru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Company Limited**, kif ukoll sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Attard v. Direttur Generali tas-Sahha**).

Fil-verità din il-Qorti ezaminat kemm id-dokumenti pprezentati minn Austin Calleja minn fejn jirrizulta li l-*executives* kienu intitolati ghal *annual allowance for telephones and clothing against receipts* ta' Lm250, kif ukoll ix-xhieda tieghu in kontro-ezami waqt is-seduta tas-7 ta' April, 2014, minn fejn jirrizulta illi:

> "*Fit-2001 il-Gvern hareg direttiva wara li nbiddlu il-Ligijiet tat-taxxa li kull dhul li kellu impjegat kellu jigi rifless ghal finijiet ta' hlas tat-taxxa ghalhekk kellha tigi nkluza somma fil-kaz ta' telephone and clothing allowance fl-FS3 biex din tirrifletti l-qliegh li kien qed jaghmel l-impjegat*".

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-qrati taghna ghandhom s-setgha li jillikwidaw l-ammont dovut bhala kumpens *arbitrio boni viri*, f'cirkostanzi fejn il-prova tal-*quantum* ma tkunx tista' ragjonevolment issir bi precizjoni matematika. Izda ghalkemm tali likwidazzjoni bilfors ikollha element ta' soggettività, din is-soggettività ma ghandhiex tkun arbitrarja, specjalment meta mill-provi jirrizulta li l-ewwel Qorti kellha tasal ghal ammont inferjuri ghal dak likwidat minnha.

Ghalhekk isegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenut huwa gustifikat fis-sens li l-massimu li seta' jizdied fil-konteggi fir-rigward ta' din il-partita hija Lm250 x 9 = Lm2250 (€5241.09) bhala *telephone and clothing allowance* ghal bejn is-snin 1992 u 2000, peress li mill-2001 'il quddiem din l-istess *allowance* kienet inkluza fl-FS3s. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li ssir revizjoni tal-likwidazzjoni ta' din l-*allowance,* sabiex minflok €7000, l-attur ghandu jinghata s-somma ta'

€4,500, li ghandha tkopri l-*allowance* ghall-uzu tat-telefon fuq medda ta' disa' snin.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju tal-konvenut fl-appell incidentali tieghu, li jitratta l-*petrol allowance.* Huwa jikkontendi li ladarba l-*executives* kienu jinghataw *petrol allowance,* din ma kellhiex titqies bhala parti mill-paga li tilef l-attur, peress li meta l-Qorti ddecidiet permezz tas-sentenza parzjali taghha li l-konvenut kellu jizgura li l-attur jithallas daqs li kieku kien nghata l-hatra ta' *Safety and Security Executive*, il-Qorti kellha f'mohhha l-paga u l-flejjes li jidhru fl-FS3s u mhux il-*petrol allowance.* Ghalhekk il-konvenut isostni li din l-*allowance* ma kellhiex tigi inkluza fil-komputazzjoni tal-Qorti. Inoltrè l-konvenut jilmenta li l-atturi ma ressqux prova ta' kemm intefaq minnhom fl-uzu tal-petrol bejn l-1992 u l-2006. Imbaghad il-konvenut jispjega li kieku stess kellha tigi koncessa din l-*allowance,* din jekk tinhadem fuq ic-cifri moghtija mill-kumpanija fejn kien jahdem l-attur, u johrog il-medja, kellha ssarraf ta' €682.88 fis-sena, li meta kkalkolata fuq il-perijodu 1992 – Gunju 2006, kellha twassal ghall-figura ta' €9901.76 u mhux €10,000.

Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mill-konvenut illi l-*petrol allowance* ma kellhiex tigi kkonsidrata ghall-fini tal-ezercizzju tal-komputazzjoni ta' dak li tilef l-attur konsegwenza tal-fatt li ma nghatax il-kariga ta' *Safety and Security*

*Executive.* Lanqas ma tifhem li bid-decizjoni parzjali tal-Qorti, il-komputazzjoni tat-telf li baghtew l-atturi kien qieghed jigi ristrett ghall-paga meta qalet li **l-attur kellu ghall-inqas jithallas daqs li kieku nghata l-hatra ta' Safety and Security Officer**. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li ntqal mill-ewwel Qorti fis-sens li:

> "*Ghalkemm li din l-allowance m'hijiex salarju, jibqa' l-fatt li l-attur ma gawdix minn din l-allowance kif gawda min inghata l-kariga. Dan fisser li l-petrol kien ihallas ghalih minn butu. Spejjez li ma kienx jaghmel kieku nghata l-kariga ta' Safety and Security Executive*".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-hlas m'ghandux jigi ristrett ghad-differenza fil-paga *sic et simpliciter*, izda ghandu jinkludi dawk il-beneficcji li mill-atti jirrizulta li gew ipprovati li kienu disponibbli ghal dawk li nghataw dik il-hatra partikolari. Ghalkemm tista' tifhem illi dawn it-tip t'*allowances* ma jigux meqjusa meta tigi kkalkolata l-pensjoni, in kwantu ma jkunux meqjusa bhala parti mis-salarju, madankollu, zgur li ma jistax jinghad li dan il-beneficcju ma jifformax parti mill-pakkett rimunerattiv li kien percepit mill-*executives*. Lanqas jista' jigi kontestat il-fatt li kieku l-attur inghata l-kariga, seta' ma nghatax dan it-tip ta' beneficcju, peress li mill-provi jirrizulta li dan kien beneficcju *standard* li kien jinghata mill-kumpanija li kull min kien jokkupa *executive position.* Zgur ukoll li tali beneficcju kien jaghmel differenza sostanzjali fil-qliegh tal-attur fuq il-medda ta' snin li gie mcahhad minn din il-kariga.

In kwantu ghall-likwidazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-*petrol allowance,* meta din il-Qorti adoperat il-figuri li pprovdiet il-kumpanija Malta International Airport, f'dak li hu konsum ta' petrol ta' Vince Farrugia, (li huwa meqjus rilevanti ghall-fini ta' din il-kawza, peress li appuntu kellu l-kariga ta' *Safety and Security Executive)* ghal dawk is-snin partikolari, u wiehed jahdem il-medja, sabiex imbaghad tintuza fuq il-medda ta' zmien bejn Jannar 1992 u Gunju 2006, tabilhaqq issib li dan iwassal ghall-figura li tiskorri s-somma ta' €10,000. Fi kwalunkwè kaz, din il-Qorti tqis li l-argument tal-atturi fir-rigward ta' dan l-aggravju, huwa validu, in kwantu d-differenza bejn dak li huma l-kalkoli tal-konvenut u dak likwidat mill-ewwel Qorti huma minimi, li ma jiggustifikawx lil din il-Qorti tvarja d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-likwidazzjoni taghha.

Ghalhekk huwa ritenut li t-tieni aggravju fl-appell incidentali tal-konvenut ma jimmeritax li jintlaqa'.

F'dak li ghandu x'jaqsam <u>it-tielet aggravju</u> tal-konvenut fl-appell accidentali tieghu, dwar il-*car allowance* u sa fejn dan l-aggravju jissejjes fuq l-istess argumenti bhal dawk taht it-tieni aggravju, li l-impjegati fil-kariga manigerjali kienu jinghataw beneficcju konsistenti fl-uzu ta' vettura tal-kumpanija li kienet thaddimhom u li m'ghandhiex tkun meqjusa parti mis-salarju u li ghalhekk ma kenitx parti mill-paga, din il-

Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi tal-konvenut ghall-istess ragunijiet spjegati qabel. Anzi mill-fatt li l-Gvern biddel il-ligijiet tat-taxxa u dan il-beneficcju beda jigi intaxxat, kif inghad qabel b'effett mis-sena 2001, tkompli ssahhah il-fehma tal-Qorti, li dan il-beneficcju huwa forma ta' qliegh li ghandu jigi inkluz fl-ezercizzju taghha li tiddetermina dak li ghandu jinghata lill-attur daqs li kieku nghata l-hatra ta' *Safety and Security Executive*. Lanqas iregi l-argument tal-konvenut li l-attur naqas li jressaq prova dwar kemm nefaq bejn l-1992 u l-2006 biex zamm il-karozza personali tieghu. Din il-Qorti terga' ttenni li ghamlet sew l-ewwel Qorti meta qieset tali beneficcju fil-komputazzjoni taghha ta' kumpens dovut lill-attur, li gie mcahhad minn din il-kariga ghal medda ta' snin.

L-ewwel Qorti meta ddecidiet din il-partita ezaminat kemm il-pretensjonijet tal-attur li kienu ritenuti esagerati u minghajr gustifikazzjoni ta' xejn, kif ukoll il-kalkoli tal-konvenut qabel ma ghaddiet sabiex tillikwida somma *arbitrio boni viri*. L-uniku argument imressaq mill-konvenut, li din il-Qorti ssib li huwa validu fil-kaz ta' dan l-aggravju, u li ma jidhirx li nghata konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti fil-likwidazzjoni maghmula minnha, huwa dak li jirrigwarda l-fatt li ladarba din il-*car allowance* kienet taxxabbli minn l-2001 'il quddiem, kellha tinghata somma li tkopri l-perijodu 1992 sa 2001 biss, ladarba mill-2001 'il quddiem tali beneficcju kien qieghed jigi inkorporat fl-FS3s ghall-fini ta'

taxxa (u ghalhekk kopert fid-differenza kkalkolat mill-ewwel Qorti fil-qliegh nett ta' bejn dak li qala' l-attur u dak li qala' Vincent Farrugia). Konsegwentement issib li ghandha ssir revizjoni tal-likwidazzjoni tal-ewwel Qorti fuq din il-partita, sabiex tiehu kont ta' dan il-fattur u ghal dan il-ghan qeghda tirrevedi s-somma dovuta lill-atturi bhala *car allowance* ghall-ammont ta' €9,000.

Ghalhekk jirrizulta li dan it-tielet aggravju tal-konvenut ghandu jintlaqa' parzjalment kif inghad.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju tal-konvenut, senjatament l-*ex gratia payment* li rcieva l-attur meta gie *boarded out*. Il-konvenut isostni li meta l-ewwel Qorti qalet li s-somma ta' €38,229.14 bhala *terminal benefit* m'ghandhiex titnaqqas mis-somma finali dovuta lill-attur taht il-hames talba, peress li din kienet tispetta lilu ladarba baqa' fl-istess kariga u ghalhekk biha Cassar m'ghamel ebda profit, holqot ingustizzja fil-konfront tal-parti konvenuta. Dan jinghad minnu peress li ladarba l-konvenut qieghed jigi mgieghel jaghmel tajjeb ghal dak kollu li tilef Cassar, konsegwenza tal-fatt li ma nghatax il-promozzjoni, minn naha l-ohra, mhux qed jigi mnaqqas dak li l-istess Cassar iggwadanja konsegwenza tal-fatt li ma hax dik il-promozzjoni. Il-konvenut jishaq li mix-xhieda ta' Austin Calleja jirrizulta illi, li kieku l-attur ha l-kariga ta' *Executive jew Manager,* kif rakkomandat mit-Tribunal ghall-

Investigazzjoni ta' Ingustizzji, ma kienx jircievi s-somma ta' €38,229.14, u ghalhekk jinsisti li din is-somma ghandha titnaqqas mill-kumpens li ghandu jigi kkalkolat ghall-finijiet tal-hames talba attrici.

Din il-Qorti thaddan il-principji gurisprudenzjali esposti mill-konvenut in kwantu huwa ritenut li persuna danneggjata ghandha kemm jista' jkun titqieghed f'posizzjoni daqs li kieku ma gietx kagonata l-hsara (**Vol. XLIX Pt 1 p526**) u li d-danneggjat ghandu dritt li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz (sentenza ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza fl-ismijiet **Giovanni Vella et v. Michael Cilia** deciza fis-17 ta' Novembru, 2004).

Ittenni wkoll dak osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance plc et v. Raymond Calleja**:

> "*Bhala principju kull persuna ghandha tingieb fl-istess pozizzjoni li kienet qabel ma ssubiet id-dannu. Pero hi principju iehor daqstant ekwivalenti illi ebda persuna ma ghandha tavvantagja ruhha u taghmel profit mid-dannu subit u anzi hemm l-obbligu li d-danni ghandhom fejn possibbli jigu minimizzati mill-kreditur*".

Madankollu l-konvenut jonqos li jsemmi li mill-provi rrizulta wkoll li mix-xhieda moghtija minn Vincent Farrugia, (dik il-persuna li giet adoperata l-paga u l-beneficcji taghha sabiex wiehed seta' jasal ghad-differenza fil-qliegh li garrab l-attur, meta ma nghatax il-hatra ta' *Safety and Security Executive*), waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2014, xehed:

> "*Mistoqsi xi dhul dahhalt jien meta spiccajt mix-xoghol, naghzel li ma nwegibx. Jiena spiccajt ghax sar restructuring. Gejt posizzjoni ta' redundancy. X'hadu shabi ma nafx. Jien li naf huwa li meta ghamilt il-ftehim mal-MIA obbligajt ruhi li ma naghtix taghrif dwar l-arrangament li intlahaq mieghi. Ghalhekk jien minix ser nikser l-obbligu huma obbligawni li naghmel hekk. U iffirmajt ghalih u ghandi dokument f'dan is-sens ghalhekk minix f'posizzjoni li nwiegeb ghal din id-domanda*".

Din ix-xhieda hija l-prova li l-argument tal-konvenut ma jistax iregi. Ghalkemm huwa minnu li mill-atti ma jirrizultax x'kienet is-somma moghtija lil Vincent Farrugia meta spicca mill-impieg tieghu, jibqa' l-fatt li dan ukoll inghata *ex gratia* somma flus, meta spicca l-impieg tieghu mal-kumpanija in kwistjoni, anke jekk ghal ragunijiet li huma differenti minn dawk tal-attur.

Din il-Qorti, però, ma tarax li ghandha timpermetti lill-attur jibqa' jzomm flejjes kollha li ma nafux kienx jiehu kieku ha l-promozzjoni li qed jilmenta minnha. Jidher li xi haga kien jiehu, però, ma jistax jinghad li kien jiehu s-somma kollha ta' €38,229.14 li thallset lill-attur bhala *terminal benefit.* Minhabba l-mod kif xehed Vincent Farrugia, din il-Qorti ma ghandhiex bazi fatwali fuqiex taghmel il-kalkoli taghha, u trid timxi *arbitrio boni viri*. Tqies li l-attur huwa intitolat jzomm ghalih is-somma ta' €20,000.14, izda jrid jirrifondi l-bilanc. Is-somma bilancjali ta' €18,229 sejra, ghalhekk, titnaqqas mill-ammont li gew likwidati favur l-attur bhala danni. B'dan il-mod, din il-Qorti qed tirregola l-posizzjoni tal-attur biex

dan ma jkunx qieghed jaghmel investiment u profitt zejjed mill-hsara li gratlu.

Isegwi li lanqas dan l-ahhar aggravju tal-konvenut ma jimmerita li jintlaqa' fl-interezza tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi:

1. Tiddisponi mill-appell principali tal-atturi konjugi Cassar billi tilqghu limitatament u ghall-finijiet tas-sitt talba, filwaqt li tikkonferma d-differenza fis-somma li l-attur kellu jiehu f'daqqa bhala telf fil-gratifikazzjoni li tilef, ghax ma hax il-kariga ta' *Safety and Security Executive,* fl-ammont ta' ghoxrin elf erba' mija u tmienja u ghoxrin euro u sitta u sebghin centezmu (€20,428.76), tillikwida s-somma ulterjuri ammontanti ghal tlieta u hamsin elf, mija u dsatax-il euro u tletin centezmu (€53,119.30), rapprezentanti d-differenza fl-arretrati tal-hlas tal-pensjoni tas-servizz, li l-atturi haqqhom jiehdu wkoll, ghall-perijodu minn meta irtira l-attur f'Gunju 2006 sal-ahhar ta' April, 2017, u ghalhekk tvarja l-ammont dovut lill-atturi taht is-sitt talba ghas-somma komplessiva ta' tlieta u sebghin elf, hames mija u tmienja u erbghin euro u sitt centezmi (€73,548.06).

2. Tiddisponi mill-appell incidentali tal-konvenut Onorevoli Prim Ministru, billi tilqghu limitatament u tirriforma s-sentenza appellata, billi ghall-fini tal-hames talba attrici, tillikwida d-danni dovuti lill-atturi fis-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, u tlett euro (€21,003).

3. Tikkundanna lill-konvenut Onorevoli Prim Ministru, ihallas lill-atturi s-somma totali ta’ erbgha u disghin elf, hames mija u wiehed u hamsin euro u sitt centezmi (€94,551.06), b’dan illi l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza.

4. Salv dak deciz fis-sentenzi parzjali tal-10 ta’ Dicembru, 2010, u dik tal-11 ta’ Novembru, 2011, l-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut, b’dan illi l-ispejjez relatati mal-hames u s-sitt talbiet attrici ghandhom jithallsu in kwantu ghal kwart mill-atturi u tliet kwarti mill-konvenut.

| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |
|---|---|---|

Deputat Registratur
mb